MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Avviz Numru. 89/2005

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Fish & Fish Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta’ Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta’ elfejn, hames mija u hamsin Lira Maltin, (LM2,550.00,0), rapprezentanti paga, sahra, “leave” u bonus dovuti lill-attur ghall-perjodu bejn is-sena 2003 u 2004;

2. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra nterpellatorja ufficcjali ta' l-14 ta' Jannar tas-sena 2005 u bl-imghax;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi preliminarjament ma gie pprezentat ebda prospett mill-attur sabiex jindika u jispjega l-ammonti individwali dovuti ghal paga, sahra, "leave" u bonus indikati fit-talba attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv stante li jeccedi dak fil-fatt dovut lill-attur mis-socjeta' konvenuta u dan, kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal datat it-13 ta' Frar tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rapprezentant legali ta' l-attur irriduca t-talba tieghu ghal elf, mija u tnejn u disghin Lira maltin, (LM1,192.00,0), li jikkorrispondi ghall-ammont t' "overtime" dovut lill-attur, (ara fol 76);

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' attrici;

2. Illi n-negozju ta-socjeta’ attrici jikkonsisti f’sajd fil-Mediterran fejn meta l-vaxxell taghha jirritorna Malta tbiegh il-qabda li tkun effettwat;

3. Illi l-attur kellu l-kariga tal-persuna li tieghu hsieb il-magna tal-vaxxall tas-socjeta’ konvenuta;

4. Illi biex is-socjeta’ tkun tista’ tkun effettiva fin-negozju taghha kien jinhtieg li dan il-vaxxall, bl-ekwipagg kollu, jallontanaw ruhhom minn Malta ghal xi granet;

5. Illi ovvjament in-natura tax-xoghol in dizamina kien jirrikjedi hinijiet twal ta’ xoghol li kienu jiddependu minn kif kien jigi effettwat is-sajd skond ic-cirkostanzi;

6. Illi fil-perjodu li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta fil-mansjoni tieghu fuq indikata jirrizulta li kien metikoluz bizzejjed biex jinnota bil-miktub is-sieghat twal li hu kien jaghmel fuq ix-xoghol;

7. Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta ssostni mod iehor, ghall-kuntrarju ta’ l-attur, din qatt ma ppruvat dak li sistniet;

8. Illi di piu’, dak allegat mill-attur a fol 18 u 19 tal-process ma giex konfutat mis-socjeta’ attrici;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta mill-buona fede ta’ l-attur, molto piu’ billi jirrizulta li l-vertenza odjerna giet ukoll investita f’sede gudizzjarji differenti fejn, ghalkemm l-ezami kondott hu aktar vigoruz minn dak odjern, l-attur xorta wahda hareg indenni;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur Joseph Azzopardi ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement:

1. Tilqa’ t-talba attrici kif korretta;

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur Joseph Azzopardi fl-ammont ta' elf, mija u tnejn u disghin Lira Maltin, (LM1,192.00,0), kif ridott;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Fish and Fish Limited biex thallas is-somma hekk likwidata lill-attur fuq indikat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------